MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Numru. 256/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Alexander Grech**
**V**

**ROSE ZAMMIT**
**CHANTELLE ZAMMIT**
**AMANDA SCICLUNA**

**Seduta ta' llum 14 ta’ Marzu 2006**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ROSE ZAMMIT** ta' sebgha w hamsin sena mart Joseph, bint Paul Zarb u Stella nee Azzopardi, imwielda l-Hamrun nhar l-hdax ta’ Jannar 1949 u residenti Block N, Flat 4, Triq Xemxija, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita numru 74149M, **CHANTELLE ZAMMIT** ta’ sbatax il-sena bint Joseph u Rose nee Zarb, imwielda

Pieta nhar t-tmintax ta' Mejju 1988 u residenti Block N, Flat 4, Triq Xemxija, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita numru 262788M u **AMANDA SCICLUNA** ta' tmintax il-sena bint John u Michelle nee Zammit, imwielda Pieta nhar l-hamsa ta' Jannar 1988 u residenti Block N, Flat 4, Triq Xemxija, Marsa, detentrici tal-karta tal-identita numru 112688M gew imressqa quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar t-tlettax ta' Marzu 2006, ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu fl-iskola Primarja tal-Kalkara, ingurjaw, heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' Lydia Camen Chetcuti, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzghuha jew li jinfluwixxu fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen liema kliem kien jikkonsisti f'dagha;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta' Lydia Carmen Chetcuti sabiex jingurjawha, idejjquha jew jghamlulha hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Lydia Carmen Chetcuti u tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 338, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputati a tempo vergine tal-investigazzjoni esibit fl-atti.

Semghet lil imputati jirregistraw ammissjoni ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-erbatax ta' Marzu 2006 u cioe fil-

presentata u dan fil-presenza tal-avukat difensur taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-incident in kwistjoni kien wiehed verbali.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95(1), 338(dd), 338(bb), 342, 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lit-tlett imputati ROSE ZAMMIT, CHANTELLE ZAMMIT u AMANDA SCICLUNA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess.**

**Dwar il-piena, fil-konfront tal-imputata ROSE ZAMMIT tikkundannha ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn lira maltin li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed taghtiha l-fakulta thallas il-multa inflitta llum b’din is-sentenza f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin, bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin [30] ta' Marzu 2006 u f'kaz li l-imputata tonqos li taghmel imqar pagament wiehed, il-bilanc ghandu jigi konvertit f'perjodu ta' prigunerija minnufih.**

**Fil-konfront tal-imputati CHANTELLE ZAMMIT u AMANDA SCICLUNA, stante l-eta taghhom, il-Qorti qieghda tpoggihom taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzommu ‘l boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx**

**hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Li l-imputati probationers Chantelle Zammit u Amanda Scicluna ghandhom, matul dan il-perjodu ta' probation ta' sentejn, igibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputati probationers Chantelle Zammit u Amanda Scicluna ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien u partikolarment huma ghandhom, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievu zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedu;**

**3. Illi l-imputati probationers Chantelle Zammit u Amanda Scicluna ghandhom jghix fir-residenza taghhom tul l-perjodu kollu ta' ssentejn u jkunu jistghu jbiddlu tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputati probationers Chantelle Zammit u Amanda Scicluna ghandhom jidhru quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputati probationers.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tobbliga lit-tlett imputati ma jimmolestax, ma jintimidawx u ma jingurjawx lil istess Lydia Carmen Chetcuti a ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati probationers u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati probationers iddikjaraw li fehmu ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan f'kull kaz.**

**Il-Qorti tordna l-projbizzjoni ta' isem Chantelle Zammit fuq il-mezzi kollha tax-xandir stante li hija minuri u tordna wkoll ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------